L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

MALTA

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XV

15 ta' Diċembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 120/2011**

**(GĦAJNUNA LILL-KUNSILLI LOKALI LI GĦANDHOM IR-RESPONSABBILTA' TA' LIBRERIJA LOKALI)**

Għar-raba sena konsekuttiva matul l-2012 ser tingħata għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom devoluta lilhom il-librerija lokali jew reġjonali, jew inkella għandhom librerija li twaqqfet mill-Kunsill Lokali stess. Din l-iskema ser tkun organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Il-Kunsilli Lokali se jinghataw €466 għal kull librerija lokali u €582 għal kull librerija reġjonali.

Nofs il-flus li jingħataw permezz ta' din l-iskema iridu jintuzaw biex jinxtraw kotba ppublikati Malta. Fil-waqt li n-nofs l-ieħor jintuzaw għall-affarijiet li jkun hemm bżonn biex il-librerija tintrama aħjar u tkun aktar ta' servizz lir-residenti.

Biex din l-assistenza finanzjarja tingħata, kull Kunsill Lokali jrid jonfoq l-ekwivalenti mill-allokazzjoni diretta f'kotba jew xogħolijiet oħra fil-libreriji matul l-2012.

Il-pagament isir meta jiġu sottomessi l-irċevuti u l-lista ta' kotba mixtrija kemm b'dan l-ammont mgħoti minn din l-iskema kif ukoll bil-fondi dirett tal-Kunsill Lokali.

Kunsill Lokali elegibbli nteressati, ghandhom japplikaw fuq l-applikazzjoni amnessa li fiha jesprimu l-interess taghhom **sa nofsinhar tal-Gimgha 27 ta' Jannar 2012.**

Din l-applikazzjoni trid tintbaghat kif gej: permezz ta' email (document format) fuq skemi.dlg@gov.mt u bil-posta indirizzata hekk :

**Is-Sinjura Mary Grace Pace**
**(Skema ta' Għajnuna għal Libreriji Lokali u Reġjonali 2012)**
**Dipartiment għall-Gvern Lokali,**
**26, Triq l-Arċisqof**
**Il-Belt Valletta**
**VLT 1443**

Applikazzjonijiet li jaslu tard mhux se jkunu aċċettati.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

APPLIKAZZJONI : **GĦAJNUNA LILL-KUNSILLI LOKALI LI GĦANDHOM IR-RESPONSABBILTÀ TA' LIBRERIJA LOKALI**

Kunsill Lokali ______________________________

Librerija : Lokali / Reġjonali

Aħna hawn taħt iffirmati qed napplikaw għal din l-iskema u naċċettaw li nofs il-flus li jingħataw permezz ta' din l-iskema iridu jintuzaw biex jinxtraw kotba ppublikati Malta. Fil-waqt li n-nofs l-ieħor jintuzaw għall-affarijiet li jkun hemm bżonn biex il-librerija tintrama aħjar u tkun aktar ta' servizz lir-residenti.

_________________________

Sindku

_________________________

Segretarju Eżekuttiv